MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 143/2008

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ppreżentat fid-9 ta’ April 2008 li permezz tiegħu l-attur ippremetta:

Illi l-kontendenti żżewġu fit-18 ta’ Mejju 2000.

Illi ż-żwieġ ta’ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabbilment minħabba raġuni gravi li skond il-Liġi jagħtu lok għas-separazzjoni personali ta’ bejniethom u fost dawn ir-raġunijiet għaliex il-konvenuta rrendiet ruħha ħatja ta’ abbandun fil-konfront ta’ l-attur, u dan minħabba li din

qabdet u abbandunat lil żewgħa u d-dar matrimonjali u telqet tgħix barra minn Malta.

Illi minħabba li l-konvenuta hija assenti, ir-rikorrenti ppreżenta rikors fejn talab li jigu maħtura kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lil martu assenti.

Għaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan minħabba abbandun;

2. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess u tiddikjara li l-konvenuta m'għandha l-ebda dritt fuq l-istess akkwisti;

3. Tapplika fil-konfront tal-konvenuta l-effetti kollha ta' l-artikolu 48 u 50 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan fejn applikabbli.

U dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hija minn issa nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' l-attur u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-kuraturi deputati datata 21 ta' Mejju 2008 li permezz tagħha ppremettew:

1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u għalhekk jirriservaw li jippreżentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw ma' l-assenti minnhom rappreżentata u f'dan ir-rigward, minn issa jitolbu lir-rikorrenti jiddikjara jekk għandux xi ndirizz ta' l-assenti jew numru tat-*telephone* ta' l-istess.

Rat l-atti proċesswali.

Semgħet lill-attur;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Frar 2009 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba raġunijiet indikati fir-rikors. Għalkemm għamel diversi talbiet jidher mill-provi li ressaq, li kulma jrid l-attur huwa li tiġi pronunzjata s-sentenza ta' separazzjoni bejn il-kontendenti u dan peress li l-konvenuta abbandunat id-dar konjugali u telqet minn Malta. Ma hemm xejn proprjeta' biex tinqasam.

Il-konvenuti *nomine* ma jidhirx li rnexxilhom jagħmlu kuntatt mal-konvenuta.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi, u għalhekk:**

**1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet għar-raġunijiet indikati fir-rikors promotur;**

**2. Tilqa' t-tieni talba;**

**3. Tilqa' t-tielet talba.**

**L-ispejjeż ikunu bla taxxa prevja l-ħlas proviżorju ta' l-ispejjeż u drittijiet tal-kuraturi mill-attur.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------